

31992L0036

10.6.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 157/28

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/36/KEE
tad-29 ta' April 1992

li temenda, fir-rigward tal-marda Afrikana taż-żwiemel, id-Direttiva 90/426/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' *equidae* minn pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (³),

Billi d-Direttiva 90/426/KEE (⁴) tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *equidae*; billi l-imsemmija Direttiva tindika l-limiti tat-territorju infettat bil-marda Afrikana taż-żwiemel u r-regoli applikabbi għall-Istati Membri li mhumiex ħielsa mill-marda;

Billi d-Direttiva 92/35/KEE (⁵) stabbiliert ir-regoli ta' kontroll; billi d-Direttiva 90/426/KEE għandha tkun emdanda kif meħtieġ sabiex jittieħed rendikont ta' dawn id-dispożizzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/426/KEE għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 5

1. Kull Stat Membru li muhiwiex ħieles mill-marda Afrikana taż-żwiemel fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(f) jista' jibgħat *equidae* minn dik il-parti tat-territorju li hi kkunsidrata li hija nfettata fit-tifsira tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu biss taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. (a) Kull parti tat-territorju ta' Stat Membru għandha tkun ikkunsidrat li hija infettata mill-marda Afrikana taż-żwiemel jekk:

— l-evidenza klinika, seroloġika, (f'annimali mhux imlaqma) u/jew epidemoloġika tkun uriet

(¹) ĠU C 312, tat-3.12.1991, p. 17.

(²) L-opinjoni mogħtija fl-10 ta' April 1992 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(³) L-opinjoni mogħtija fit-22 ta' April 1992 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(⁴) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.

(⁵) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 19.

il-preżenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel fl-aħħar sentejn, jew

— it-tilqim kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel ikun ġie imwettaq matul l-ahħar 12-il xahar.

(b) Il-parti tat-territorju kkunsidrat li hu infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel għandu jkun fih mill-inqas:

— żona ta' protezzjoni b'rāgg ta' mill-anqas 100 km madwar kull centrū ta' l-infezzjoni,

— żona ta' sorveljanza ta' mill-anqas 50 km li testendi lil hinn miż-żona ta' protezzjoni li fiha l-ebda vaċ-ċinazzjoni ma saret matul l-aħħar 12-il xahar.

(c) Ir-regoli li jikkontrollaw il-miżuri tat-taqbida rrelata mat-territorji u żoni li għalihom saret referenza fil-punti (a) u (b) u d-derogi relevanti kif spċifikati fid-Direttiva 92/35/KEE (⁶).

(d) L-*equidae* kollha imlaqqma misjuba fiż-żona protetta għandhom ikunu rreġistrati u identifikati bi qbil ma' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/35/KEE.

Id-dokument ta' l-identifikazzjoni u/jew iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkollu referenza ċara ta' tilqim bħal dan.

3. Stat Membru jista' jibgħat mit-territorju li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 2(b) *equidae* biss li jilħqu il-htigġijiet li ġej-jin:

(a) għandhom jintbagħtu biss matul ġertu perjodi tas-sena, wara li jkun ittieħed akkont ta' l-attività ta' insett vettorgali, li għandhom ikunu ddeterminati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25;

(b) m'għandhomx juru l-ebda sintomi kliniċi tal-marda Afrikana taż-żwiemel fil-jum ta' l-ispezzjoni li saret referenza dwarha fl-Artikolu 4(1);

(c) — jekk ma jkunux ġew imlaqqma kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel, iridu jkunu għaddew minn u kellhom reazzjoni negattiva għal test ta' fissassjoni kumplimentari għal marda Afrikana taż-żwiemel kif deskritta fl-Anness D, f'żewġ okkażjonijiet, b'intervall ta' bejn 21 u 30 jum bejn iż-żewġ testijiet, it-tieni minn dawn għandhom ikunu mwettqa matul l-10t ijjem qabel id-dispacċċ;

— jekk ikunu ġew imlaqqma, m'għandhomx ikunu ġew imlaqqma matul l-aħħar xahrejn u jridu jkunu għad-

dew mit-test deskrift fl-Anness D fl-imsemmija intervalli mingħajr ma tkun ġiet rreġistrata xi żieda fl-għadd ta' l-antikorpi. Permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24, il-Kummissjoni tista', b'segwiment ta' l-opinjoni tal-Kunitat Veterinarju Xjentifiku, tirrikonoxxi metodi oħrajin ta' monitoraġġ;

- (d) iridu jkunu ġew miżmuma fi stazzjon tal-kwarantina għal mill-anqas 40 jum qabel id-dispaċċ;
- (e) għandhom ikunu ġew imħarsa minn insetti vettorjali matul il-perjodu ta' kwarantina u matul it-trasportazzjoni mill-istazzjon tal-kwarantina għal post tad-dispaċċ.

(¹) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 19."

L-Artikolu 2

Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 90/552/KEE (¹), 90/553/KEE (²), 91/93/KEE (³) u 92/101/KEE (⁴) għandhom jibqgħu japplikaw għall-iskop ta' din id-Direttiva.

Permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 92/35/KEE, id-Deċiżjonijiet imsemmja hawn fuq jistgħu jiġi emendati invista ta' l-adottazzjoni ta' l-iskop tagħhom

tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew invista ta' l-adattazzjoni futura tagħhom għall-iż-villupi xjentifiċi u teknoloġiċi.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-31 ta' Diċembru 1992. Għandhom minnufih jinformatw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri, għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

Arlindo MARQUES CUNHA

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/552/KEE tad-9 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi l-limiti ta' t-territorju infettat bil-marda Afrikana taż-żwiemel (ĠU L 313, tat-13.11.1990, p. 38). Id-Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 91/645/KEE (ĠU L 349, tat-18.12.1991, p. 43).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/553/KEE tad-9 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi l-marka ta' l-identifikazzjoni għall-equida infettati bil-marda Afrikana taż-żwiemel (ĠU L 313, tat-13.11.1990, p. 40).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/93/KEE tal-11 ta' Frar 1991 li tistabbilixxi l-perjodu tas-sena li matulu il-Portugall jista jibgħat ċerti equidae minn parti mit-territorju tiegħu kkunsidrat bħala infettat bil-marda Afrikana taż-żwiemel (ĠU L 50, tat-23.2.1991, p. 27).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/101/KEE tat-28 ta' Jannar 1992 li tistabbilixxi l-perjodu tas-sena li fi Spanja tista' tibgħat ċerti equidae minn parti mit-territorju tiegħu kkunsidrat bħala infettat bil-marda Afrikana taż-żwiemel (ĠU L 39, tal-15.2.1992, p. 46).